MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 321/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici A u B izzewgu f'Malta, fl-erbgha t'Awwissu elf disa' mija disgha u dighin (04/08/1999).

Illi l-minuri Z twieldet fil-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn (05/11/2000), kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat Dokument A.

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier il-minuri Z huwa l-konvenut B, dan fil-fatt m'huwiex il-missier naturali taghha.

Illi effettivament il-minuri Z giet koncepita minn relazzjoni extra-maritali illi kellha l-attrici waqt iz-zwieg taghha ma' B.

Illi l-attrici ghandha interess illi jigi dikjarat illi l-minuri Z ma hijiex il-wild naturali u biologiku tal-konvenut B.

Illi s-suespost diga' gie stabbilit permezz ta' testijiet genetici appoziti li saru fuq il-minuri u r-rizultat ta' dawn it-testijiet qed jigi hawnhekk anness u mmarkat Dokument B.

Illi jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ma jibqax juri li l-missier naturali tat-tarbija huwa B.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-minuri Z ma hijiex il-wild naturali u biologiku tal-konvenut B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z, l-isem u d-dettalji tal-konvenut B minn kull fejn jirrikorri u minflok jitnizzel "Missier mhux Maghruf";

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z il-kliem "the said" mid-dettalji tal-omm u cioe l-attrici A.

L-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-6 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jehtieg illi jigi specifikat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid fit-talbiet attrici li huwa 4224 tas-sena 2000.

3. Illi biex it-talbiet attrici jirnexxu jehtieg illi l-attrici ggib il-prova dwar l-impossibilita fisika tal-konjugi in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fil-21 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-eccipjenti jaqbel u jirrikonoxxi li t-tarbija ma tistax tkun il-wild naturali tieghu stante li fil-perjodu tal-koncepiment huwa u martu kienu ilhom zmien separati *de facto* minn ma’ xulxin. Konsegwentement il-minuri Z hija ta’ bilfors il-wild naturali ta’ haddiehor.

2, Illi l-eccipjenti zgur li ma ghandux ibati l-ispejjes ta’ dawna l-proceduri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attrici, u ta' ommissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha fiz-zmien li kienet ghadha mizzewga lill-konvenut m'hijiex tieghu. Il-konvenut ammetta.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (*Spiteri pro et noe vs Cilia et*, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni tal-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza u jidher car li l-attrici nisslet it-tarbija wara li kienet gia' tghix separata minn ma' zewgha. F'dan il-kaz hemm anke t-test xjentifiku illi jipprova dan.

**Ghal dawn il-motttivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara illi t-tarbija li welldet l-attrici fil-5 ta' Novembru, 2000 u registrata fl-att tat-twelid 4224/2000 u jisimha Z m'hijiex wild il-konvenut;**

***2.*** **tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid imsemmi ndikati fic-citazzjoni fi zmien xahar minn meta l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja ufficjali ta' din is-sentenza u jigi ndikat minflok il-konvenut *missier mhux maghruf*;**

***3.*** **tilqa' t-tielet talba.**

**L-ispejjes jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------